# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 35/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/10/'07** **224**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/10/'07** **277**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru, 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: is-Seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-23 ta' Ottubru 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30/09/07.
4. Mozzjoni Nru. 1/K5/07.

5. Attivitajiet tal-Milied.
6. Korsijiet tal-Kompjuter.
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 34/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 34/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss Item 3 ta' l-Aġenda qabel Item 2.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju sat-30/09/07**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2007 (Ara Appendiċi 'A'). Dan ġie spjegat fid-dettal mill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

3.02 Il-Kunsillier Norman Vella wasal fl-4.10 p.m.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2007.

3.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv.

3.07 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fl-4.15pm.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| K903;4263;4360 & K975 | Korrispondenza rigward A.L. 119/2002 – servizz tal-Gwardjan Lokali. |
| 4268 | Ittra mingħand ir-Razzett tal-Ħbiberija rigward donazzjoni. |
| 4412 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-inawgurazzjoni tal-Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni. |
| 4455&K961 | Risposta għall-ittra K961/gen&43/07 mingħand id-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili rigward *widening of footpath at Triq id-Dragunara.* |
| 4471 | Ittra mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' sabiex tfakkar l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs. |
| 4486&4488 | Ittri mingħand l-Avukati Noella Grima u Stefano Filletti rispettivament rigward il-kawża Earth Care Co Ltd vs Kunsill Lokali San Ġiljan. |
| 4514 | Ittra mingħand Ms Theodora Lazou rigward parteċipazzjoni fil-European Thematic Network of Local Authorities. |
| 4553 | Ittra mingħand Le Meridien St Julians rigward Traffic signs. |
| 4563 | Ittra mingħand l-MTA rigward *financial assistance – Christmas Decorative Lighting in St. Julian's.* |
| 4572 | Ċirk AKL 79/2007 rigward MEDINS Seminar 10 ta' Novembru 2007. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. K903, Inc. 4263 u 4360, K975

Il-Kunsill oġġezzjona għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (inc. 4263/07). Madankollu ser issir laqgħa mas-Sur Kenneth De Martino biex tiġi diskussa din il-problema ta' nuqqas ta' gwardjani lokali. Din il-laqgħa ser issir nhar il-Ħamis l-1 ta' Novembru 2007, fis-2.00p.m. Il-Kunsilliera ġew mistiedna jattendu għal din il-laqgħa.

2.03 Rif. Nru. 4268

B'riferenza għall-ittra mingħand ir-Razzett tal-Ħbiberija ġie deċiż unanimament illi jingħataw donazzjoni ta' Lm50.

2.04 Rif. Nru. 4412

Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-inawgurazzjoni tal-Kuridur Ekoloġiku, u ġie deċiż unanimament illi qabel isir il-ftuħ jsir it-tindif tal-biċċa li hemm mal-ġemb tal-kumpless u ssir bit-tarmak.

2.05 Rif. Nru. 4455 & K961

B'riferenza għat-talba li saret lill-Kunsill mis-St. George's Park Co Ltd, sabiex isir *widening of footpath at Triq id-Dragunara,* u għar-risposta li ngħatat mid-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili f'dan ir-rigward, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

2.06 Rif. Nru. 4471

B'riferenza għall-istedina mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' sabiex jiġi mfakkar l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs, ser jattendu s-Sindku Peter Bonello u l-Kunsillier Richard Scicluna.

2.07 Rif. Nru. 4486 & 4488

Dwar il-kawża ta' l-Earth Care Co Ltd vs Kunsill Lokali San Ġiljan li nqatat favur il-Kunsill ġie deċiż unanimament illi jekk ikun hemm xi spejjeż legali dawn jitħallsu u jintbagħat il-kont lill-Earth Care Co Ltd.

2.08 Rif. Nru. 4514

B'riferenza għall-ittra mingħand Ms Theodora Lazou rigward parteċipazzjoni fil-European Thematic Network of Local Authorities ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Richard Scicluna jġib aktar informazzjoni u jgħaddiha lill-Kunsill.

2.09 Il-Kunsillier David Borg wasal fil-4.50pm.

2.10 Rif. Nru. 4553

B'riferenza għall-ittra mingħand Le Meridien St. Julian's sabiex issir 'Keep Clear' quddiem il-Fire/Evacuation Exit Door tal-Lukanda ġie deċiż unanimament illi din l-ittra tintbagħat lill-ADT għall-approvazzjoni.

2.11 Rif. Nru. 4563

B'riferenza għall-ittra mingħand l-MTA rigward għajnuna finanzjarja għat-tiżjin tal-Milied inġibdet l-attenzjoni li t-Lm3000 li ser jingħataw ser jintużaw għal Paceville.

**4 Mozzjoni Nru. 1/K5/07**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Mozzjoni Nru. 1/K5/07 (Ara Appendiċi 'B') li tgħid:-

"Qed titressaq risoluzzjoni sabiex id-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa numru 30/K5/07 datati 31 ta' Mejju 2007, taqsima 2, paragrafu 2.06, fejn il-Kunsill iddeċieda illi **f'stediniet jew f'attivitajiet politiċi simili ma jsirx ħlas mill-fondi tal-Kunsill**, taqa' u minflok jiġi deċiż li **l-Kunsill jaqbel mad-deċiżoni meħuda fil-laqgħa ta' l-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' April 2007: li l-Kunsilli għandhom jappoġġjaw l-inizjattivi simili u li huma ko-ordinati ma' l-Istituzzjonijiet Ewropej billi l-ħlas ta' reġistrazzjoni jsir mill-Kunsill".**

4.02 Is-Sindku Peter Bonello ppropona l-approvazzjoni ta' Mozzjoni Nru. 1/K5/07

4.03 Il-Kunsilliera Karl Gouder u Edgar Montanaro issekondawh.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament illi r-Reġistrazzjoni tal-laqgħa li attendiet l-Kunsillier Irene Borg fid-9 ta' Ġunju 2007 (Inc. 4596/07) bit-tema 'Putting Children First' titħallas mill-Kunsill.

**5 Attivitajiet tal-Milied**

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja ta' offerti rigward tiżjin bid-dawl għall-żmien il-Milied (Ara Appendiċi 'Ċ') .

5.02 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman Peter Bonello ppropona li jintażżlu t-tlett offerti tal-Mica Med Ltd.

5.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-kuntrattur biex jiġi diskuss kif ser isir it-tiżjin. Il-Kunsilliera kollha mistiedna għal din il-laqgħa.

5.06 Ġie deċiż unanimament li jsiru dawn l-attivitajiet:-

- Ikla għall-Kunsilliera u l-istaff bil-partners tagħhom. Din ser issir wara li jgħaddu l-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena.

- Ħarġa għal Anzjani fit-12 ta' Diċembru 2007, din ser issir ir-Razzett tal-Ħbiberija.

- L-impjegati kollha tal-Kunsill, inkluż is-Sna. Marisa Micallef li qegħda bil-maternity leave, is-Sur Victor Cachia u s-Sna. Connie Said jattendu għal attivita' Kun silly bi spejjeż għall-Kunsill.

5.07 Ġie deċiż illi tintbagħat ittra lill-istabilimenti / lukandi u ħwienet kollha tal-lokalita' sabiex jikkontribwixxu għat-tiżjin tal-Milied.

5.08 Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ser jiltaqgħu mal-kumitati organizzativi tal-baned u l-knejjes tal-

lokalita' sabiex tittella' xi attivita' b'kollaborazzjoni magħhom. Għal din l-attivita' ġew allokati madwar Lm100.

5.09 Il-Kunsillier Karl Gouder ser javviċina lill-istudenti ta' l-arti ta' MCAST u l-Art & Design sabiex jara jekk humiex interessati li jagħmlu xi tiżjin modern / astratt fil-lokalita' b'konessjoni mal-Milied.

## 6. Korsijiet tal-Kompjuter

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi wara li deher l-avviż fil-gazzetta tal-Gvern, il-Kunsill irċieva korrispondenza waħda mingħand S.J.M. Computers Ltd b'lista ta' korsijiet li joffru. Dawn il-korsijiet isiru fi Triq Lapsi, San Ġiljan.

6.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi jsir avviż fuq il-magażine tal-Kunsill, li ser joħroġ f'Diċembru, fejn ir-residenti jiġu nfurmati li b'kollaborazzjoni ma' S.J.M. Computers Ltd ser isiru korsijiet tal-kompjuter fil-lokalita' biex min hu nteressat japplika għand il-Kunsill.

## 7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2341 sa 2358 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

8.04 l-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu stedina mingħand is-Sur Sergio Piazzi, s-Segretarju Eżekuttiv tal-Parliamentary Assembly of the Mediterranean u s-Sur George Saliba, s-Segretarju Amministrattiv. Din saret nhar it-Tnejn l-1 t'Ottubru 2007. Għal din l-okkażżjoni li saret il-Belt, sar użu minn servizz ta' taxi.

9.02 Saret riferenza għal Minuti 34/K5/07 taqsima 8, paragrafu 8.17. Il-Kunsill ġie nfurmat illi sar kuntatt mas-Sur Tony Attard, li jaħdem mat-Teletwist tax-Shigo dwar l-istat tat-Telephone Booths. Is-Sur Attard informa lill-Kunsill, verbalment, illi s-Sur Tony Sciberras De Giovanni ġie nieqes riċentament u li l-mara tiegħu qiegħda fit-trattativi mal-GO. Jekk jintlaħaq ftehim il-GO ser ikunu responsabbli wkoll għall- booths tax-Shigo; jekk ma jintlaħaqx ftehim is-Sinjura Sciberras De Giovanni ser tara li t-telephone booths kollha tax-Shigo jitneħħew.

9.03 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill:-

- sabiex min għadu ma tax ir-write-up għall-magażine lill-amministrazzjoni jagħmel dan mill-aktar fis possibbli peress li dalwaqt jintbagħat għall-pubblikazzjoni.

- L-ikla f'unur ta' l-Ambaxxatur Ċiniż ser issir nhar it-Tlieta 6 ta' Novembru 2007. Din ser issir il-Lulu Restaurant fis-7.30pm.

- Ser isir meeting mas-Sur Eric Vella, ta' l-Enemalta Corp, nhar it-Tlieta 6 ta' Novembru 2007 fis-2.15pm.

9.04 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fis-6.00 p.m.

9.05 Ġie deċiż unanimament illi peress li l-maltemp ikkaġuna ħsarat fit-toroq ser isir patching fil-lokalita' kull fejn hemm bżonn.

9.06 Ġie deċiż unanimament illi:-

- Isiru bollards quddiem il-ħanut li hemm f'Triq San Ġorġ (Il-Kunsillier Norman Vella għandu jindika l-post eżatt).

- Jekk huwa possibbli titkompla l-bankina li saret fi Triq Berta K.llg. Il-Kunsilliera Irene Borg ser tiltaqa' mal-Perit Lino Cachia dwar din il-materja.

- Jerġgħu jsiru l-bollards li kien hemm f'Paceville li ġew ivvandalizzati. Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsillier Richard Scicluna għandhom jindikaw liema huma.

9.07 Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat fis-6.15pm.

9.08 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li:-

- għas-self funding weekend break li organizzat bejn is-26 u 28 ta' Ottubru 2007, is-Suncrest Hotel, attendew 25 persuna

- ser issir Ħarġa Kulturali, 'self funding'' fil-Mellieħa fis-27 ta' Novembru 2007.

9.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-6.25pm

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**